**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 463/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Omar Zammit)**

**Vs**

**Basel Haj**

**Illum 30 ta' Awwissu 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Basel Haj ta' tmienja u għoxrin (28) sena, iben Mohammed u Hald imwieled Syria fit-30 ta' Jannar 1994, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 161309A, u residenti fil-fond Jordan Belfort, Flat 4, Triq l-Oratorju, Qormi, talli b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Nhar il-21 ta' Awwissu 2022 u fil-ġranet u xhur ta' qabel, f'Malta, kkaġuna lill-ex-partner tiegħu Naomi Farrugia biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew l-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tagħha u dan bi ksur ta' l-Artikoli 251B, 251H, 251HA, 222(1)(a), 202(h) tal-Kodiċi Kriminali;

2. U aktar talli nhar il-21 ta' Awwissu 2022 f'Baħar ic-Cagħaq, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' l-ex-partner tiegħu Naomi Farrugia f'periklu ċar, volontarjament kkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioè offiża ta' natura ħafifa fuq persuntha, hekk kif ċċertifikat minn Dr. Louise Gatt, Med. Reg. No. 2109, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 214, 221(1), 221(3), 222(1)(a) u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali;

3. U aktar talli nhar il-25 ta' Diċembru 2021 għall-ħabta ta' 23:30hrs ġewwa il-Ħamrun, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' l-ex-partner tiegħu Naomi Farrugia f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioè offiża ta' natura ħafifa fuq persuntha, hekk kif iċċertifikat minn Dr.

Renee Erasmi u dan bi ksur ta' l-Artikolu 214, 221(1), 221(3), 222(1)(a), 202(h) tal-Kodiċi Kriminali;

4. U aktar talli nhar il-21 ta' Awwissu 2022 u fix-xhur ta' qabel għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali ta' Malta, lill-ex-partner Naomi Farrugia jew jekk kien provokat, inġurja b'mod li ħareġ mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex: (i) il-Qorti toħroġ Ordni ta' Protezzjoni ai temrini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, inkluża fil-mori tal-proċeduri, kontra Basel Haj a benefiċċju ta' Naomi Farrugia; (ii) sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Liġi, il-Qorti tapplika wkoll l-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għas-sigurtà ta' Naomi Farrugia; (iii) f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, il-Qorti tikkundanna lil Basel Haj sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-Esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni ossia: (i) il-Fedina Penali ta' l-imputat - Dok. "A", (ii) il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta - Dok. "B", (iii) Personal Details Form ta' l-imputat - Dok. "Ċ"; (iv) Rapport tal-Pulizija datat 21 ta' Awwissu 2022 - Dok. "D"; (v) Rapport tal-Pulizija datat 26 ta' Diċembru 2021 - Dok. "E"; (vi) Ċertifikat Mediku maħruġ fil-21 ta' Awwissu 2022 relattiv għal Naomi Farrugia - Dok. "F"; (vii) Ċertifikat Mediku maħruġ fil-25 ta' Diċembru 2021 relattiv għal Naomi Farrugia - Dok. "Ġ"; (viii) Risk Assessment fir-rigward ta' Naomi Farrugia - Dok. "H", (ix) Stqarrija awdjoviżwali ta' l-imputat - Dok. "I";

Rat illi l-imputat ippreżenta l-Permess ta' Residenza tiegħu markat Dok. "X";

Rat illi l-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu kkonfermata wara li ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietu bl-iktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tiegħu u tatu biżżejjed żmien biex jerġa' jirrikonsidraha u jerġa' lura minnha;

Rat l-Ordni ta' Protezzjoni maħruġ fil-konfront ta' Basel Haj a benefiċċju ta' Naomi Farrugia in forza ta' Digriet datat 23 ta' Awwissu 2022;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena, fejn entrambe ssottomettew li fil-każ in eżami l-piena idoneja fil-konfront ta' Basel Haj tkun l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta u l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tiegħu a benefiċċju ta' Naomi Farrugia ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) Nhar il-21 ta' Awwissu 2022 u fil-ġranet u xhur ta' qabel, f'Malta, kkaġuna lill-ex-partner tiegħu Naomi Farrugia biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew l-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tagħha u dan bi ksur ta' l-Artikoli 251B, 251H, 251HA, 222(1)(a), 202(h) tal-Kodiċi Kriminali; (2) U aktar talli nhar il-21 ta' Awwissu 2022 f'Baħar ic-Cagħaq, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' l-ex-partner tiegħu Naomi Farrugia f'periklu ċar, volontarjament kkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioè offiża ta' natura ħafifa fuq persuntha, hekk kif ċċertifikat minn Dr. Louise Gatt, Med. Reg. No. 2109, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 214, 221(1), 221(3), 222(1)(a) u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali; (3) U aktar talli nhar il-25 ta' Diċembru 2021 għall-ħabta ta' 23:30hrs ġewwa il-Ħamrun, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' l-ex-partner tiegħu Naomi Farrugia f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioè offiża ta' natura ħafifa fuq persuntha, hekk kif iċċertifikat minn Dr. Renee Erasmi u dan bi ksur ta' l-Artikolu 214, 221(1), 221(3), 222(1)(a), 202(h) tal-Kodiċi Kriminali; (4) U aktar talli nhar il-21 ta' Awwissu 2022 u fix-xhur ta' qabel għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali ta' Malta, lill-ex-partner Naomi Farrugia jew jekk kien provokat, inġurja b'mod li ħareġ mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali.

Wara li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, l-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu.

Fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat, il-Qorti għandha ssib lill-imsemmi imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha hekk dedotti kontrih.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni: (i) in-natura tar-reati addebitati lill-imputat u minnu ammessi; (ii) il-Fedina Penali ta' l-imputat li hija relattivament netta; (iii) l-ammissjoni ta' l-imputat fi stadju bikri tal-proċeduri; u (iv) is-sottomissjonijiet avvanzati mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża dwar il-piena.

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(h), 18, 31, 202(h)(v)(vi)(j)(m), 214, 215, 221(1), 222(1)(a), 251B(1), 251H(b), 251HA, 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess, ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu iżda fil-qies taċ-ċirkostanzi tal-każ, inkluż ix-xorta tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati, u l-karattru ta' l-imputat, u fid-dawl tal-fatt li fil-każ in eżami ma huwiex spedjenti li l-Qorti twaħħal piena fuq l-imputat u ma huwiex adattat li jiġi impost Ordni ta' Probation, Ordni ta' Servizz fil-Komunità jew Ordni ta' Probation u Servizz fil-Komunità, ai termini ta' l-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jwettaqx reat ieħor matul il-perijodu ta' tlett (3) snin mid-data ta' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-imputat bi kliem li jiftiehem sew li jekk huwa jagħmel reat ieħor matul il-perijodu ta'

liberazzjoni kondizzjonata, ikun jista' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom qed jinstab ħati f'dawn il-proċeduri, liema reati jġorru piena ta' priġunerija.

Ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront ta' l-imputat Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Naomi Farrugia. Dan l-Ordni ta' Trażżin qed jinħareġ għal perijodu ta' tlett (3) snin li jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza u taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f'Digriet mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 382A(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li jikser xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, u cioè f'tali eventwalità jista' jiġi ikkundannat għal multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni bbażata fuq l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikoli 370(6) u 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza u tad-Digriet ta' Ordni ta' Trażżin annessi magħha u formanti parti integrali minnha.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**